**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru 2016

Rikors Nru : 276/16 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

ILLI l-partijiet iżżewġu fl-erbatax (14) ta` Frar tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) u dan min kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieg anness u markat "**Dok A**", liema żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta;

ILLI minn dan iz-zwieg tal-kopja ma kienx hemm ulied;

ILLI l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat disgha (9) ta` Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) redatt minn Nutar Rachel Busuttil, hawn anness u markat "**Dok B**";

ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar min disgha (9) snin legalment u fattwalment separati minn xulxin u qegħdin jgħixu ħajja totalment separata min xulxin;

ILLI fl-imsemmi kuntratt ta` separazzjoni (paġna 2 klawsola 2) irrinunzjaw ghal kull dritt ta` successjoni fil-konfront ta` xulxin;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Lulju 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.